**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit,**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 16 ta' Jannar, 2001**

**Numru 46**

**Avviz. numru 925/00JR**

**Francis Busuttil & Sons Ltd.**

**vs**

**Claudia Mifsud**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-7 ta' Lulju, 2000, fejn intalab il-hlas ta' hamsin lira Maltija sebgha u hamsin centezmu (Lm50.57) dovut in kwantu ghal tnejn u erbghin lira Maltija (Lm42.00) rapprezentanti danni sofferti mis-socjeta` attrici fil-karrozza proprjeta` taghha Ford Fiesta numru FBS-529 kagunati mill-konvenuta waqt li din il-karrozza kienet fil-kustodja ta' l-istess konvenuta, u in kwantu**

**ghal tmien liri Maltin sebgha u hamsin centezmu (Lm8.57) rappresentanti bilanc mill-ammont dovut mill-konvenuta lis-socjeta` attrici bhala kumpens ghaz-zmien li hija naqset li tahdem skond ftehim bejn il-partijiet u kontribuzzjoni tas-Sigurta` Socjali imhallsa mis-socjeta` attrici, kollox kif ahjar spjegat fl-"istatements" annessi Dok.A u B. Bl-imghax mit-3 ta' Frar, 2000, u bl-ispejjez kontra l-konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.**

**Ra r-risposta tal-konvenuta prezentata fl-10 ta' Awissu, 2000, fejn intqal li l-ammont ta' hamsin lira Maltija sebgha u hamsin centezmu (Lm50.57) ma huwiex dovut mill-konvenuta stante illi d-danni kkagunati fil-karrozza msemmija ma sarux b'tort jew b'traskuragni taghha, u fir-rigward ghall-ammont ta' kumpens allegat mis-socjeta` attrici, kienet l-istess socjeta` attrici illi taghat ordni lil terzi sabiex il-konvenuta tigi nfurmata li hija tista' titlaq mix-xoghol taghha.**
**Salv eccezzjonijiet ohra.**

**Semgha x-xhieda ta' Michael Busuttil u ta' Claudia Mifsud. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esibiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ikkunsidra:**

1. **Skond ma' xehed Michael Busuttil direttur tas-socjeta` attrici, fl-ewwel parti ta' l-istatement Dok.A hemm indikat is-social security contribution li hallset is-socjeta` attrici ghaz-zmien meta l-konvenuta ma hadmitx. Dana jammonta ghall-seba' liri Maltin tmienja u erbghin centezmu (Lm7.48) li thallsu mis-socjeta` attrici. Hemm ukoll l-ammont ta' sebgha u sittin lira Maltija sitta u tletin centezmu (Lm67.36) kumpens li kien dovut lis-socjeta` attrici ghan-"notice period". Hemm ukoll l-ammont ta' tnejn u erbghin lira Maltija (Lm42.00) spejjez maghmula mis-socjeta` attrici biex sewwiet il-karrozza li kienet tuza l-konvenuta. Dawna b'kollox jammontaw ghall-mija u sittax-il lira Maltija erbgha u tmenin centezmu (Lm116.84).**

2. **Fit-tieni parti tad-Dok.A hemm l-ammont globali ta' sitta u sittin lira Maltija sebgha u ghoxrin centezmu (Lm66.27) ghall- paga, bonus, u "travelling allowance".**

3. **Is-socjeta` attrici ghalhekk qed titlob id-differenza bejn iz-zewg ammonti msemmija hawn fuq.**

4. **Jirrizulta li l-karrozza kienet tipprovdiha l-kumpanija. Pero` ma jirrizultax li kien hemm xi ftehim specifiku dwar tiswija. Skond l-attur kien hemm ftehim verbali biss.**

5. **Skond ma xehedet il-konvenuta meta inghatat il-karrozza kien intqal lilha li din assikurata "fire and theft", u qabel ma haditha kienu daru l-karrozza biex jaraw li kollox sew. Dak iz-zmien kien gie nnutat xi grif fuq il-bumper. Meta l-konvenuta rritornat l-karrozza, regghu dahruha, pero` ma tnizzel xejn.**

6. **Il-konvenuta ammettiet pero` li kellha incident waqt li hi kienet is-Smart Supermarket fil-parking area.**

7. **Dwar it-terminazzjoni tax-xoghol il-konvenuta tghid li kienet inghatat bil-miktub li kien qed jigi terminat ix-xoghol taghha.**

8. **Mill-provi jirrizulta li tassew grat il-hsara imsemmija fil-karrozza, u dana waqt li din kienet ghand il-konvenuta. Pero` ma jirrizultax li l-konvenuta kellha xi tort ghall-hsara li grat. Kien ikun differenti l-kaz, sew kieku kien hemm xi kitba li tindika min hu responsabbli ghall-kwalunkwe hsara li tigri, kif ukoll kieku il-hsara grat b'xi att negligenti tal-konvenuta. Ghaldaqstant**

**mghandiex il-konvenuta tigi ritenuta responsabbli ghall-hsarat li graw.**

9. **Fit-tieni lok dwar dawk li huma kontribuzzjonijiet tas-Sigurta` Socjali, dawn jirrizultaw li huma dovuti. Hija dovuta lis-socjeta` attrici is-somma ta' tmien liri Maltin sebgha u hamsin centezmu (Lm8.57) bhala kumpens ghaz-zmien li hija naqset li tahdem**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed jilqa' t-talba attrici limitatament fis-somma ta' tmien liri Maltin sebgha u hamsin centezmu (Lm8.57) u jikkundanna lill-konvenuta thallas l-ammont ta' tmien liri Maltin sebgha u hamsin centezmu (Lm8.57) lis-socjeta` attrici, bl-imghax fuq l-istess mit-3 ta' Frar, 2000 u b'degriet tal-25 ta' April, 2001, it-Tribunal ordna li tigi kancellata fis-sentenza dik  il-parti li tirreferi ghall li qed tintlaqa' t-talba fis-somma ta' tmien liri sebgha u hamsin centezmu.**

**Fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz l-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati ugwalment bejn il-partijiet.**

**Dr Joseph Refalo**
**GUDIKATUR**